# Il-Ktieb tal-Ħolm

jew

# Kif Tinżerta l-Lottu nhar ta' Sibt

Maħruġ mid-Ditta:

CORDINA'S "EMPORIUM"
General Stores
166-167, Britannia Street u 7 Merchant Street,
Valletta - Malta (Phone: 24328)

---

Kull Lotterija Nazzjonali ixtri Biljett.
Tagħmel żball meta ma tixtrix!

# Tassew Wasal It-Tieġ?

***kollox tliesti malajr, basta' tgħaġġel tmur għand:***

## CORDINAS "EMPORIUM"

GENERAL STORES

PHONE DIAL 24328

**166-167, BRITANNIA STREET,**

**u 7 MERCHANT STREET-VALLETTA**

**WEDDING INVITATION CARDS**

**10, kwalitajiet differenti, (bil-fidda)**

Wedding Albums (15-il kwalita' differenti)

" " iddoqqu l-Wedding March

" Badges (5 kwalitajiet differenti)

" Day Bridal Missal (7 kwalitajiet differenti)

" Confetti, Good Luck Horseshoe eċċ.

u kull ħaġa oħra li tixtieq għall-Wedding Day!

Ejja u ara b'għajnejk ħalli tkun soddisfatta.

---

**Kull 3 xhur jaslu il-Figorini tat-Tieġ Amerikani, Taljani, u Franċiżi (5 kwalitajiet differenti)**

50638? GCP


Salvatore Cordina

*Id-Ditta Salvatore Cordina ta' No. 108 Strada San Lorenzo fil-Birgu, fl-1884 kienet stampat l-ewwel ktieb tal-ħolm hawn Malta. L-editur ta' dan il-ktieb kien innannu tiegħi u jien il-lum qed nippresentalkom l-istess ktieb f'forma akbar, isbaħ, aħjar u aktar milqut.*

*Għalkemm il-ktieb tal-ħolm huwa qisu ktieb tal-mogħdija taż-żmien, li fih tinzerta ambi u terni, jekk tagħraf tħaddem rasek sewwa kull nhar ta' Sibt għandhom żgur jinzertaw numri tal-lottu meħuda minn dan il-ktieb tal-ħolm, li f'kull faċċata fih xi numri tal-lottu.*

*Waqt li nawguraw lil qarrejja tagħna kull ġid, hena u risq, nitolbukom taħsbu kif*

*kien jaħseb in-nannu: 'Aħsbu dejjem fil-Fqar' u kif tirbħu xi kemxa, aħsbu fihom.*

L-ewwel tas-sena 1970 J. Cordina

Il-Belt Valletta. Editur

—— ibda issa ——

28 - 43 - 69 *jew* 16 - 66 - 67

# Dahla

*Kont taf li l-ħolm huwa misteru kbir? Taf li ħafna eluf ta' xjenzjati ħlew jew aħjar ħallew ħajjithom sabiex jaraw x'inhu l-ħolm? U kif, din il-kawża tal-ħolm li kulħadd joħlom ftit jew wisq?*

*Hija ħaġa ċerta li ftit jew wisq kulħadd joħlom. Pero issa noħorġu minn fuq dan il-każ da parti tax-xjenzjati u mmorru fuq is-suġġett tal-ktieb tal-ħolm. Kull nazzjon għandu il-ktieb tal-ħolm. Il-Franċiżi għandhom 93 wieħed u t-Taljani għandhom bir-radam — bla għadd — fi Sqallija biss għandhom il-fuq minn 273 ktieb. L-Ingliżi wkoll għanhom ħafna u kull nazzjon għandu il-ktieb tal ħolm tiegħu.*

Jekk taf bit-Taljan hem ħafna kotba sbieħ u nteressanti wafna. Fosthom hemm il-famużi kotba ta' Bologna; 'Cosi Interpreterai i Tuoi Sogni' 5/6. Fih 335 faċċata u bil-posta 6/- il-wieħed.

Hemm ukoll ieħor famuż ta' G.M. Nettuno. Dizionario dei sogni etc.. etc... 'La carta del Lotto' dawn jiswew 4/- il-wieħed u bil-posta 4/- il-wieħed.

Sabieh u sempliċi fix-xogħol letterarju tiegħu insibu ktieb ieħor jismu: 'I Sogni e il-Guoco del Lotto'. Dan il-ktieb jiswa 4/6 u bil-posta jiġik 5/-.

Il-ktieb ingliż 'The Dream Book' issibuh f'żewġ General Stores:

CORDINA'S "EMPORIUM"
General Stores
166-167 Brittania Street u
7 Merchants Street,
Valletta

## PRIM ESTRATT

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Logħba | ta' | -/3 | tirbaħ | £ 0 | 16 | 0 |
| ,, | ,, | -/6 | ,, | 1 | 12 | 0 |
| ,, | ,, | 1/- | ,, | 3 | 4 | 8 |
| ,, | ,, | 2/- | ,, | 6 | 8 | 0 |
| ,, | ,, | 5/- | ,, | 16 | 0 | 0 |

## AMBU

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Logħba | ta' | 3d. | tirbaħ | £ 3 | 2 | 6 |
| ,, | ,, | -/6 | ,, | 6 | 5 | 0 |
| ,, | ,, | 1-/ | ,, | 12 | 10 | 0 |
| ,, | ,, | 2-/ | ,, | 25 | 0 | 0 |
| ,, | ,, | 5/- | ,, | 62 | 10 | 0 |

## TERN

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Logħba | ta' | 3d. | tirbaħ | £ 25 | 0 | 0 |
| ,, | ,, | -/6 | ,, | 50 | 0 | 0 |
| ,, | ,, | 1/- | ,, | 100 | 0 | 0 |
| ,, | ,, | 2/- | ,, | 200 | 0 | 0 |
| ,, | ,, | 5/- | ,, | 500 | 0 | 0 |

TERN BL-GĦENIEBI

KWATERN

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Logħba | ta' | 3d. | tirbaħ | £ 62 | 10 | 0 |
| ,, | ,, | -/6 | ,, | 125 | 0 | 0 |
| ,, | ,, | 1/- | ,, | 250 | 0 | 0 |
| ,, | ,, | 2/- | ,, | 500 | 0 | 0 |
| ,, | ,, | 5/- | ,, | 1,250 | 0 | 0 |
| fuq Kwatern bit-trun | | | | | | |
| u bl-għeniebi tirbaħ | | | | 243 | 15 | 0 |

Jekk ir-rebħ kollu ta' ġimgħa waħda, imqejjes bir-rata fuq imsemmija, jitla' aktar minn £25,000, il-premjijiet ikunu mnaqqsa *pro rata* biex b'kollox ma jiskorrux dik is-somma.

Fil-kalkolu ta' kull tnaqqis proporzjonat bħal dan, kull sehem ta' sold li ma jkunx iżjed minn sitt ħabbiet jagħmel sehem mill-premju mnaqqas u ma għandux jitqies, u kull sehem ta' sold 'il fuq minn sitt ħabbiet, li jagħmel sehem mill-premju mnaqqas għandu jitqies bħala sold. Il-limiti li hemm imsemmi fil-paragrafu ta' qabel dan għandu jinftiehem kif intqal hawnhekk.

Fil-każ ta' Prim Estratt il-probabbiltà tarrebħ hi ta' wieħed f'kull 90; fil-każ ta' Ambu ta' wieħed f'kull 400; fil-każ ta' Tern ta' wieħed f'kull 11,748; u fil-każ ta' Kwatern ta' wieħed f'kull 511,038.

Id-dritt għar-rebħ jintilef jekk il-biljett ma jiġix ippreżentat sa 30 ġurnata minn dak inhar li jkunu ħarġu n-numri.

— 48 - 84 - 88 —

# A

Abbatini, min joħlom bihom ir-risq ikun riesaq f'daru 33
Abbord, issiefer, iżda mhux għalissa 9
Aċċess, xi disgrazzja tiġri quddiem għajnejk, skarta kemm tista l-ħżiena jekk ma tridx tgħali 17
Aġenzija, malli tiżżewweġ issiefer mar-raġel għal post sabieħ 40
Ajk jew Ajkijiet, tkun umli u tinħabb ma kulħadd 72
Ajkla, għad togħla wisq, iżda imxi bil-prudenza, biex ma tieħux sabta kbira 8
Almanakk, hekk sejra ħajtek, daqqa tifraħ u oħra tgħali 12
Alwetta, xi trid tagħmel, kulħadd jiskartak, imma int tieħu raġun f'kollox 69
Alwiża, dejjem tkun tfuħ fost sħabek, iżda int tkun rasek iebsa magħhom 76
Anċiprisk, il-mewt tidħol u jmur ir-risq 1
Ankra, ma ħbiebek stenna ġlieda 67

Apparell, bosta nies għandek iħobbuk 39
Arblu tal-Bandiera, qatt ma int soda fil-fehma tiegħek, iżda fl-aħħar a spejjes tiegħek titgħallem 2
Arblu tar-Razza, xi wirta fuqek taqa bla ma tkun taf biha u tistagħna 13
Arblu ta' Mejju, dak li tixtieq dalwaqt jasal fuqek 90
Ark, unuri u stima 7
Arġentier, tlift il-fama imħabba ilsna ħżiena iżda ma ddumx ma takkwistaha mill-ġdid 18
Aringa, int iżżomm iebes fil-kwestjoni jekk ikollok raġun 25
Arluġġar, kemm taħwid ikollok, kollu tirbħu int 70
Arma, xi ġlieda ġejja 35
Arpa, bosta xorti tfisser, iżda l-aktar ħwejjeġ huma ġid, kuntentizza u tgawdija 71
Artellier, ħajja batuta 1
Assassin, l-għedewwa ittendi minnhom għax jittraduk 5

Avukat, ġejja xi kawża, pero tirbaħħa żgur 4

## B

Bakkaljaw, ħajja tal-faqar, qatt ma tara flus f'idejk, iżda tkun dejjem kuntenta 70
Bagħal, tkun tiflaħ u ftit timrad 83
Baħar qawwi, taħbit kbir 67
Baħbuħa, xi għarus sinjur issib li jkun iħobbok 2
Baħri, għas-safar tatiha u ssir sinjur 38
Baħrija, aħbar stenna li thennik 54
Bajd, dwejjaq tara ma wiċċek, iżda tibżax flaħħar kollox jiġi bir-risq 88
Bajtar, il-ħlewwa tiegħek iġġibek ferħana 31
Ballu, ilagħab dan it-tern bl-eniebi 1-56-85
Ballata, xogħol biss issib 78
Banana, ħafna jħobbuk għax jarawk bilgħaqal 62
Banda, dejjem tidħaq u aħjar għax tkun bla dwejjaq 5
Bandiera, Żomm il-kolp, tmurx ma dak li

jridu n-nies 16
Baqq, il-għaks tara ma wiċċek 1
Benniena, ħobb dejjem l-irtir, għax ma tagħli qatt 29
Beraq, aħdem biex tara xi sold 6
Bewsa, tkun maħbuba għal azzjonik 53
Birra, tiżżewweġ iżda r-raġel fl-aħħar jatiha għax-xorb 13
Bizzilla, hekk sejra d-dinja daqqa tifraħ u oħra tagħli 15
Bojja, ibża mill-baħar għax għad tagħli 17
Borra, bajda tkun żogħżitek iżda sewda tkun xjuħitek 89
Brigħed, kullħadd ifittex biex jimbruljak 12
Broxk, ikollok bosta flus malli int issib għarus 6
Bugħaddas, torqod fil-fond iżda għid li int sinjura 55

## C

Ċerna, xortik għada ġejja 39
Ċerv, inti tibqa sabieħa, basta ma tinże-

baħx 72
Ċinturin, għad tagħli fuq kanarin 32
Ċippitatu, tantx iddawwar l-opinjoni tiegħek għax jibdielek 69
Ċirasa, sabieħa int, iżda titkellem ħafna 11
Ċirimella, kollox kontra tiegħek, iżda tibżax int tirbaħ 45

D

Dagħaj, oqgħod attent għaż kulħadd jiskartak 18
Daħq, kollox jiġi dritt, iżda waħda imgħawġa tħallas ta' kollox 35
Dalma, tibżax għax kollox igħaddi 9
Dar, int għad bil-ġid tfur 30
Darsa, għad tagħli ħafna imħabba ħabib u mħabba fiħ taqa marid 68
Daqq, ferħan tgħaddi ħajtek 50
Deffien, il-ħajja tiegħek, hija twila iżda dbati 65
Deheb, kollox ileqq għalik; iżda ibża mittlellix 81

Demm, fl-aħħar kollox jintemm u inti ssir ferħana 62
Deni, fl-imħabba tkun ixxurtjata 73
Djamanti, fost il-għana tgħaddi ħajtek iżda l-imħabba tifnik 30
Dud, xi bxara ħażina ġejja, iżda wara tikkonsla ruħek 21
Dundjan, titbaqbaqx, għax l-umli dejjem tala 'l fuq 38

## E

Epifanija, (Tre Re) aħdem dejjem għax bixxogħol tara xi sold 6
Eremit, dbati iva, iżda wara d-dbatija tiġi t-tgawdija 71
Eruka, jekk ħabib ma tkunx attent fl-imħabba ma tkunx kuntent 26
Esekutur, mhux dak li trid int, imma dak li jimmeritak 34
Eżempju, iftaħ għajnejk għax lil min tħobb ma jħobbokx 1

# F

Faħam, xortik hija sewda iżda x'jimporta la għandek l-unur 65
Fajjenza, tantx tilgħab għax il-logħob kontra tiegħek 61
Falliment, tieħux għal dak li ħlomt, aktar jaqbillek 17
Fanfri, attent għax juruk ħaġa b'oħra u jiddispjaċik 55
Farkizzan, tiżżewweġ, iżda mhux malti u jkollok issiefer 89
Fardal, inti għandek wisq għedewwa iżda dawn tirbaħhom 47
Farfett, iġorruk ġo katalett 19
Fartas, għad dgawdi ħafna 49
Fekruna, kulħadd jgħid kemm int sabieħa 4
Fellus, f'għomrok għad dbati teila u nieżla l-qrati 55
Fenek, ftaħir biss u xejn fatti 41
Festa, irsisti u ssir sinjura 66
Fidda, xortik ħażina 42

Figolla, għad tiħxin ħafna avolja trid tirqaq 8
Figurin, il-moda tirvinak 21
Fjuri, tkun tħobb il-fwieħa 17
Forka, għandek x'taħseb ħafna fuq li ġej. 10
Flus, kemm dbati għalihom għad 82
Forn, għad ikollok ħafna unuri iżda baxxi rasek biex tkun imfaħħra 54
Fortuna, mara ikollok għajjura 18
Frott, kollox hu sabieħ għalik iżda jinsab ħafna ikraħ f'xortik 68
Funeral, tibki iżda għal ftit 64

# G

Galleta, attenta għal xi disgrazzja 17
Gallarija, is-sbuħija tiegħek tgħammex l-għajnejn tan-nies. 51
Gallinar, stinka u tistagħna 16
Gandoffla, tgħix ħajja rtirata 81
Ġdur, in-nies jilmentaw minnek 66
Ġelat, għandek min iħobbok 88
Ġerrej, fqira tmut iżda onorata 2

Ġews, tiżżewweġ bniedem kbir iżda mhux sinjur 50
Għaks, tini xortija u itfagħni l-baħar 40
Għama, sinjur issir, xejn taqta t-tama 7
Għamara iddum ftit ma tiżżewweġ 47
Għarajjes, aktarx issib in-niket fid-dar tiegħek 60
Għarus, ma ddumx ma tirbaħ rebħa flus 52
Għasfur, għad tiftakar f'żogħżitek, iżda kollox ikun tar għalik 35
Għattuqa, tiżżewweġ iżda tkun għajjura 89
Għedewwa, x'jimporta li jobgħoduk la int tħobb lil kulħadd 90
Għeneb, għad tixrob ħafna imbit 38
Għonnella, dejjem mistura tibqa 41
Ġilju, dejjem tkun maħbuba 59
Ġiżimin, tiżżewweġ raġel sabieħ 3
Granċ, ma tista' qatt taqbad art, dejjem tmur lura 16
Gvernatur, m'intix ser issib għarus sinjur iżda bil-għaqal 83

# H

Habaq, dejjem sabieħa avolja tixjieħ 46
Ħabs, attenta għall-imbrolji 1
Ħaddara, mara tiżżewweġ li tkun faħħara 5
Ħaddiela, attenta għal ċerti ħbieb 7
Ħajjat, dejjem tilbes pulit iżda trid tonfoq 90
Ħabib, xortik ħażina 40
Ħalliel, ħajtek tgħaddiha imbeżżgħa li ma jisirqukx 9
Ħarir, tkun eleganti u kulħadd iħares lejk 11
Ħamim, ħajtek tgħaddi fit-tgawdija 16
Ħelu, mhux dejjem tiġik żewġ, attenta li ma tiġikx fard 15
Ħmar, ma indunajtx li ħbiebek ma iħobbukx? 36
Ħmar il-lejl, oqgħod bil-għaqal u tibżax int tirbaħ 82
Ħurrieq kulħadd jagħtik bix-xewk, iżda tibżax inti għati bil-ward u jkun ta' ġid għalik 6

## I

Iblaħ, il-ħajja tiegħek ġa naf x'inhija, il-ħabs tispiċċa fuq xi ħmerija 22
Ilma, xi ħaġa tired imma mhux għalissa, meta wieħed mill-bogħod imut 45
Iltim, kemm għad dbati 37
Imbarka, ilagħab dat-tern 6-32-71
Imbit, il-proxxmu tiegħek dejjem ħqart, jekk tajt bix-xewk kif trid bil-ward 65
Imsell, il-ħajja tiegħek ibża għaliha 5
Inċiova, tgħaddi ħajja sewwa 83
Indafa, dejjem imxi dritt 67
Indivja, ma hemmx morr għalik 78
Infern, imxi tajjeb jekk trid issib it-tajjeb 60
Irkant, tara ħafna flus 37
Isqof, tirbaħ lil min jobgħodok 59

## J

Jannar, irdossa kmieni aħjar 1
Jasar, iddum ma tiżżewweġ iżda issib għarus sabieħ 31

## K

Kabocca, rasek ibsa, aħjar trattabha 4
Kabuccin, kun umli, aħjar għalik 60
Kaċċa, imxi bil-mod biex tasal kmieni 3
Kamla, għaks kbir 32
Kampanja, jekk inti tħobb il-bhejjem tibqa tgħali dejjem 71
Kampnar, jekk tgħejx batut tmut gawdut 62
Kappel, ma għandekx bżonn li tiżżejjen għax sabieħa biżżejjed 34
Karnival, id-dinja turik ħaġa u tagħtik oħra, attenti 10
Karrozza, tgawdi dejjem 22
Katina, ma ddumx ma tiżżewweġ 2
Kelb, attenta ma min tagħmila 80
Kitarra, fost il-għana tgħaddi ħajtek 7
Knisja, ġismek ġa għejja, xortik għada ġejja 18
Kont, kulħadd jafda fik 70
Kosbor, tibqa irqieqa qatt matismen 29
Kotba, jaqbillek titgħallem kollox 8

Kullana, fl-imħabba issib xortik 35
Kunvent, għomroq tgħaddi kuntent 30
Kurpett, dak li tixtieq imur mar-riħ 64
Kuruna, itlob dejjem, għax min jitlob jaqla 5
Kutra, ċoffi u żigarelli trid biss 13

## L

Labar, dejjem ikollok x'jinkwetak 8
Labtu, ħadd ma jobgħodok 16
Laħam, imħabba pura lilek iħobbuk 21
Lampuka, dawk stess li l-maqdir tawk tiġi ġurnata li jonorawk 61
Lanċa, tilgħabx għax titlef 21
Legat, għad tired u ma ddumx 2
Lembut, xortik għad tħabbtek sa ġo t-tebut 43
Lewlu, xortik tajba tkun 10
Libsa, tħobba l-moda iżda jekk ma toqgħodx attenta tirvinak 90
Lift, gil-għoli titla qiesek se ttir iżda għad taqa u tieħu salt kbir 13
Linfa, qat ma tista tara sold 7

Liri, tħares lejhom ma tmisshomx 43
Ljun, għad tistgħana u ssir b'saħtek 61
Logħob, ibqa lura, tantx tilagħab għax fil-logħob xortik ħażina 24
Lumi, qarsa tkun fil-ħajja tiegħek 44
Luminata, ma għandekx xi tridha dik in-namrata jew namrat 69

## M

Madum, sabieħa ftit iddum 56
Maġistrat, tirbaħ il-kawża jekk int fil-fier 51
Maħrub, tassew tinsab maħbub 54
Maħżen, għad issib impieg tajjeb 89
Majistra, f'żogħżitek issofri duluri u fi kburitek issib l-ununuri 22
Majjal, għandek min iħobbok 28
Maktur, sventura fil-flus, xortik fl-imħabba 65
Maltemp, sinjal ħażin 28
Mandraġġ waslet is-siegħa biex tagħtiha għax-xalar 64
Mansab, dak li kont tfittex ilu li insab 1

Mara, tagħtix kas tal-ħolm tiegħek 49
Marda, ħares dejjem fejn int sejjer jekk ma tridx tgħali 2
Marella, darba kull wieħed, imis lilek 36
Marixxall, la tibżax għax imdejjen m'intix 21
Martell, swat għad taqla 38
Maskarat, ħbiebek ifiċċu li juruk ħaġa b'oħra 62
Mazzit, azzjonitek ħelwa u tinħabb ma kulħadd 50
Mdejjaq, ara kif tgħaddi ħajtek u aħrab il-ħażin 53
Mdejjen, it-3, it-2 u t-8 jekk int tilagħabhom tirbaħ il-lottu
Meħrios, titħabat għad, imma tasal fil-ġid 54
Mejda, għax-xogħol trid tagħtiha biex tara xi sold 23
Mejjet, il-għomor, tiegħek huwa twil wisq f'darek jidħol bil-gozz ir-risq 3
Mejjet jitkellem, aħrab il-kumpanija ħażina 48

Melħ, ir-rebħ tiegħek ikun it-telf 69
Mera, ma rridx ngħidlek, iżda titbegħedx mill-knisja 69
Merħla, il-ġid li għandek ferm tgawdiħ, liżżiju nofsu ikollok ittiħ 90
Mezzanin, issib xortik ma ddumx 73
Mgħarraq, kif tgħid tmut 8
Mħadda, mix-xogħol tistrieħ żgur għax fl'aħħar issir sinjur 77
Miġnun, ġellieda tkun, u stonkuża 4
Mina, għad iddum ma tiżżewweġ 41
Misħuta, ara x'ser ngħidlek oqgħod attenta jekk minn kliemi ma tridx tilmenta 60
Mistiedna, ix-xorti tħabbtek wisq 16
Miżien, fit-tbatija tgħaddi iż-żmien 71
Modesta, tkun tħobb il-moda 54
Monasteru, fil-kwiet tgħaddi ħajtek biex tgħix fil-hena 6
Muftieħ, kollox jidher sabieħ għalik u l-ikraħ ma taraħx 82
Mulett, taqbes u tisfen f'ħajtek iżda oqgħod

attenta 45
Muntanja, għad titgħallem bosta snajja 56
Musolina, jekk tista dbiddel libsa kull jum 87
Mutu, tantx titkellem, aħjar għalik 40

## N

Ngħaġa, ma l'għarus għandek tgawdi, imma la tiżżewweġ 28
Ngħala, xortik għada ġejja 9
Naħal, jaqbilek toqgħod attenta, iżda ma idumx il-morr ma jsir ħelu 21
Namrata, ma hemmx bżonn ngħidlek għax inti tafu, mara daħħqet bix-xitan 69
Nawfraġu, għad issiefer fit-tul 90
Nċira, ma l-għarus inti sinċiera 52
Nċirata, inti perfda wisq 44
Negozjant, issib għarus u int miegħu tagħtiha għan-negozju 54
Nemel, xortik għada ġejja 89
Nemus, fi xjuħitek tgħokos wisq 61
Newl, għax-xogħol tagħtiha wisq u b'hekk

tara' ħafna flus 80
Niċċa, bil-kwiet il-kwiet tasal fejn trid 28
Nieqa, għad taqa u tweġġa 72
Nies, kulħadd ikun favur tiegħek jekk ikollok xi tgħid 45
Niket, għad tgawdi l-akbar unuri, imma fi xjuħitek taqa fl-isventuri 5
Nil, (xmara) xortik ħażina fl-imħabba 9
Nisa, attent oqgħod sewwa għax għandek bosta għedewwa 49
Niżla, taqtax qalbek billa ma intix stmat, għax jiġi żmien li jgħarfu x'int 10
Nkwatru, rieħ tieħu mit-teatru 83
Nokli, vanituża għad tkun wisq u taħli filmodi ħafna ħwejjeġ 79
Novella, ċert li dis-sena ikollok aħbarijiet tajba 62
Nuċċali, taqtax qalbek, l-għedewwa tiegħek ma jdumux ma jindunaw li għandek raġun 2
Nuċimiskata, aħrab il-festi tal-karnival 16

Nuffata, mara ikollok wisq ingrata 84
Nuħħala, il-ferħ wasal għalik u għal familja tiegħek 48
Nutar, issa inutli li tinkwieta ruħek, il għaliex l-għasfur ġa tar 49

## O

Obue, daqaq ikun ir-raġel tiegħek 57
Oliera, xi ħadd mis-safar ikun ġej jew xi ittra tasallek 1
Ombrella, ma ddumx ma tixxarrab b'xi rebħa mill-lottu 41
Opra, mhux tidħaqq imma tibki 22
Oqbra miftuħa, hekk sejra d-dinja, min jidħaq u min jibki, imma ftakar li ma aħna xejn 33
Orarju, ix-xorb fl-aħħar ser jirvinak 28
Oratorju, ħajja tajba, ħajja feliċi u dejjem tgħaddi 'il quddiem 50
Orkestra, fost uliedek ikollok tabib 41
Organett, jiena ċar ser noħroġ biha, nofs ħaj-

tek bagħtut tgħaddiha 65
Orgni, hekk sewwa tatiha għal-knisja 7
Ors, titħabatx għax xejn ma tired 42
Ortenzja (fjur) għal dak li jagħmlulek ħu paċenzja. 59
Oviera, aħrab il-vizzju jaqbillek 74

## P

Paċi, trid li tiżżewweġ, nikkuntentak, ma tribulata jien narak 28
Paġell, aħsibha mitt darba u aqtagħha darba 51
Paġġ, maħbub ser tkun żgur, imma qatt ma ssir sinjur 21
Pagun, tantx titla fil-għoli għax tieħu sabta kbira 5
Palazz, oqgħod attent għal dik il-persuna għax titradik bla ma tinduna 3
Palju, issib min irewwaħlek 88
Palkuxeniku, l-affarijiet tad-dinja huma kollha tad-daħq, iżda issib xi drabi ħwejjeġ

serji 13
Palm, tern intik bla ħsieb ta' xejn, l-uno n-nove, u t-trenta sei 1-9-36
Papoċċ, fit-tfal issib ir-risq 34
Pappagall, titkellem ħafna iżda bla sugu 89
Papra, għal imħabba ix-xurtjata, iżda għal flus svinturata 20
Parata, oqgħod attent aħjar għalik, għax ħabib ser jidħaq bik 60
Passiġġata, ilagħb dat-tern 2-8-51
Passaport, issiefer, iżda ma terġax 42
Pastard, kemm għandek min iħobbok 25
Patrijiet, tantx tittraskura, aħjar ikun għalik 18
Pellegrinaġġ, ġej xi ħadd mis-safar 78
Persiana, raġel tieħu mill-Furjana 53
Piazza, ara fejn tmur għar għalik 21
Pinna, jekk trid li b'ibnek toħroġ kuntent, qies li ferm ikun student 44
Pinnur, qatt ma tkun ta' idea waħda 66
Plajja, risq tajjeb ikollok 17

Platea, tixxala, iżda għad tibki 59
Pleġġ, qatt żgur ma tkun imdejjen 37
Poni, tantx tiġri għax tgħajja malajr 47
Posta, tibagħad, iżda le tirċievi ittri 32
Presepju, għad tgawdi ferm 8
Proċessjoni, jaqbillek titlob 16
Pupa, kulħadd iħobbok 67

## Q

Qabla, ser tagħli qabel tifraħ 9
Qaddej, sabiex ma tkunx irsira l-aħjar f'kunvent tirtira 42
Qadfa, ġejja fuqek marda ċkejkna 83
Qafas, marbut tinsab mal-flus, għad tmut b'xi xebgħa mus 51
Qalb, tant tkun sensibbli li għal kull ħaġa tibki 36
Qalfat, tirbaħ iżda mhux għalissa 43
Qalziet, tinnamrax, aħjar għalik 24
Qamar, fil-għoli titla, imma taqa' borra 82
Qamel, xortik għad tagħtik wisq, f'darek jaqa'

r-risq 21
Qamħ, bix-xaba' għad ikollok unuri 87
Qaqoċċ, ħabib iġiblek mis-safar papoċċ 2
Qanfut, issiefer safra għal fortuna, iżda ssib kbira sfortuna 58
Qanpiena, attent għax mhux kulħadd iħobbok 81
Qaraboċċ, isma x'ser ngħidlek jiena, ilsienek aqta, qiesu raddiena 27
Qarn, risq u għana 51
Qassis, il-ġid u l-għana ma huma xejn, il-wirt li tired jinqasam fi tnejn 29
Qastan, għal bard u x-xita sejjer ikollok taħdem 9
Qattiel, tmut b'qatgħa ta' ħalliel 59
Qatus, għad tirbaħ ħafna flus 62
Qawsalla, ifraħ ħija għax l-għali spiċċa, dak li jobgħodok ilu li spiċċa 4

## R

Raba, tired wirta minn għand iz-zija 75

Ragħad, maltemp għal ħajtek int tara ġej, biex tilqa' l-mard ma hemmx imnejn 79
Ram, isma minni aħrab il-ħbieb, jekk il-ġustizzja ma tridx wara l-bieb 53
Ramel, ħaġa wisq ċara skond ma jien rajt flusek int lil għadu tajt 57
Rampil, inti tgawdi f'żogħżitek, imma tbati fi xjuħitek 51
Ravjul, jien ser ngħidlek kif inħossa, taqa' u tweġġa ġewwa fossa 16
Rekluta, jien nafek tajjeb, naf x'ser isir, tal mara inti ser taqa' rsir 79
Reġiment, għal ħbieb tiegħek oqgħod at-tent 49
Revolver, żmien il-għali spiċċa tibża xejn, iż-żmien tal-hena għalik għadu ġej 28
Rikordju, il-ħabs tmur fuq id-distorbju 49
Ritratt, għal xejn tistinka, għalxejn timpenja għaliex il-ħażen qatt ma jirrenja 8
Romol, fost kemm hawn namrati, inti wieħed mill-ixxurtjati 32

Rummien, tkorri sejjer għal gamiem 71
Rużetta, tifraħ ħafna, tifraħ sħiħ, għax kull m'għandek sejjer tbieħ 57
Rxix, int tgħix u tkun gawdut, b'mewta kera' inti tmut 19

## S

Sagrilegg, għalxejn tittanta, jien naf żgur, illi qatt ma ssir sinjur **36**
Safar, għax-xalar ħajtek int trid tgħaddiha, imma għalik hemm biss tbatija 56
Sajjied, f'xalar ħajtek tgħaddiha, fi xjuħitek għad tpattija 28
Sajjetta, biża kbir ġej għalik, ħbiebek ibatu mħabba fik **83**
Sallur, in-novanta, is-sej u l-kwattru biss, rebħa tirbaħ kif imiss 90-6-4
Salvawomu, il-mewta tiegħek jien naf x'inhija il-ħabs tispiċċa fuq xi ħmerija 53
Sardina, xotta ħajtek ser tgħaddiha u ma tara xejn tgawdija 1

Sardinella, int mara sbejħa tiżżewweġ żgur, hija stess tagħmelk sinjur 11

Satin, xejn la tiżżejjen u tispakkuna, għax int kerha daqs gidmejmuna 2

Skalora, ifraħ ħafna għax għandek biex, ir-renti tired bla ħsieb ta' xejn 24

Skarpan, jiena ċert illi dis-sena, sejjer ikollok veru hena 22

Skorfon, attent oqgħod għax jgħalluk, tkun rieqed u jisirquk 44

Skrivan, ibża mill-għali u tagħmel sewwa, għaliex ma dwarek hemm xi għedewwa 89

Skruplus, aktar ma tagħmel kumpanija, aktar taqa' fl-ereżija 51

Skutella, il-faqar ma imur qatt, għad tbati ħafna u ma ssirx sinjur 71

Seftur, ikunu t-tobba li joqtluk, għaliex ħaġa b'oħra jtuk 3

Sejf, bosta għali għad iġġarrab, sakemm tasal fil-ħsieb ta' rasek 42

Sellun, bosta għedewwa għandek ma dwa-

rek 6
Spiżjar, ajma j'ommi kemm ser jagħtuk, int tmut ġo ħabs magħluq 55
Suldat, int tgħaddi ħajja ddisprata, il-mewta tiegħek tkun irrabjata 78

# T

Tabakk, il-ħbieb tiegħek huma somor, inti tmut qasir il-għomor 80
Tabib, inti tmut f'idejn ħabib 59
Tallab, ħajja tgħaddi fi tbatija, imma tgawdi fi xjuħija 76
Tarbija, mara tieħu wisq għaqlija 17
Tebut, sa ftit ieħor forsi tmut 11
Telegramma, isma minni ikun aħjar, għaliex tixrob bosta mrar. Ilagħab dan it-tern 56 - 5 - 9
Tempesta, il-għali għalik fil-qrib, l-għedewwa ġa wara l-bieb 49
Teżor, ilgħab in-nove, ukoll in-novanta, magħhom biex tirbaħ żid il-kwaranta

Tieġ, ilqa' l-aħħar żewġ ti ħbieb, għax il-mewt qegħda wara l-bieb 73
Titgħajjar, isma minni fittex ittanta, il-primestratt huwa l-ottanta
Tmut, isma minni tibża xejn, sinjur issir mażżmien 9
Tombla, għalxejn tittanta xortik, għax ix-xorti xejn ma ttik 10
Trovatura, għalxejn tixtieq il-flus, għax għomrok kollu tibqa magħkus 71

## U

Uffiċjal, jien sejjer ngħidlek kif inhija, il-ħabs tmur fuq xi ħmerija 18
Umbrella, tifel ikollok minn ġol-fisqija, fost l-oħrajn kollha l-isbaħ tarbija 31

## X

Xabla, bil-ġustizzja tirbaħ il-kawża li jkollok 53

Xadin, attent oqgħod mill-ħażin ta' sħabek jekk trid tasal fejn tixtieq 46
Xagħar, aktar int, tieħu għal dak li jgħidu n-nies 11
Xalata, aħsibha qabel tidħaqq, aħjar għalik 81
Xalpa, int tinsab maħbuba pero' iġġib għira mill-għedewwa tiegħek 39
Xama, aqta' biċċa minn ilsieek, aħjar għalik 38
Xewk, oqgħod attenta u tibxa xejn, dil-ġimgħa jitla' l-ottanta sei
Xiħ, int tkun għad għaref u tissemma 90
Xkupa, qatgħa tieħu mhux kbira ftit, tara raġel taħsbu għafrit 25
Xprunara, tixtieq issiefer iżda ikollok temigra biex tara pajjiż ieħor 32
Xmara, int għad tieħu kbir unur, sentejn wara ssir sinjur 38
Xurban, billi għandek min jobgħodok, iżda bil-kelma t-tajba tiegħek, tirbaħ lil kulħadd 6

## Z

Zagarella, ajma j'ommi kemm int sabieħa, aħjar tindifen qawwija u sħiħa 8
Zalzett, ilsienek twil jaqbel li ma titkellimx 25
Żarmuċ, jien naf x'sejjer ikun, ħajtek tgħaddiha ta' miġnun 49
Żbandola, għal bogħod għad terħila u ma tarġax tara pajjiżek 80
Żiemel, imsejken int kemm int bagħtut, anqas f'mitt sena ma ssir gawdut 5
Zokkar, isma minni la tkunx tant żorr, għaliex il-ħelu jidbiddel f'morr 42
Zuntier, għall-aħħar darba ser ngħidlek jiena, attenta oqgħod għal ħbieb il-ħżiena 82

---

**24 - 43 - 28**

**GHAL KULL**

**XOGHOL TA'**

**STAMPA**

irrikorri

**National Press**

**Pietà**

Tel: 29602 - 25992

Għal Kotba, Ġurnali lokali, Rivisti Taljani, Franċiżi, Ġermaniżi, Ingliżi u Amerikani u kull ħtiġijiet ta' uffiċċju u ta' l-iskejjel Primarji u Sekondarji kif ukoll kwantita kbira ta' Poeżiji u Rumanzi bil-Malti jinstabu għand:

**CORDINA'S "EMPORIUM"**

166-167, BRITANNIA STREET u
7 MERCHANT STREET, VALLETTA - Tel: 24328

National Press -- Pietà